# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar t-Tnejn**
**Tletin (30) ta’ Mejju 2022**

**Rikors Numru 86/2016 FDP**

Fl-atti tal-Ittra Uffiċċjali Nru 160/16
Fl-ismijiet

**Automated Revenue Management Services Limited**

**Vs**

**L-Avukat Dottor Godfrey Gauci Maestre**
**(ID 0482740M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors ippreżentat minn Dr Godfrey Gauci Maestre fl-1 ta’ Frar 2016, fejn huwa talab s-segwenti:

   *Illi huwa għadu kemm ġie notifikat bl-ittra uffiċċjali li l-intimat ippreżentat fit-18 ta’ Jannar 2016 li permezz tagħha is-soċjeta’ intimata qed tipprova, ai termini tal-artiklu 466 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, tirrendi bħala titolu eżekuttiv l-allegat kreditu tagħha fl-ammont ta’ € 13,353.53.*

   *Illi dawn il-proċeduri, kif taf ben tajjeb s-soċjeta’ intimata, ma jistgħux isiru u dan għal żewġ raġunijiet u ċioe kemm (1) ai termini tal-proviso tal-artiklu 466(1) tal-istess Kodiċi in vista tal-fatt li ir-rikorrenti, kuntrarjament għal dak allegat fl-istess ittra uffiċċjali u fid-dikjarazzjoni ġuramentata annessa mal-istess ittra uffiċċjali, ilu għal żmien twil li informa lis-soċjeta’ intimata, kemm bil-fomm, kif ukoll bil-miktub, illi huwa ma għandux jagħtiha l-imsemmi ammont, kif ukoll għar-raġunijiet kollha mogħtija fil-korp tal-Mandat ta’ Inibizzjoni li ġie preżentat kontra is-soċjeta’ intimata, fl-14 ta’ Jannar 2016 u*

*li ġie milqugħ provviżorjament fl-istess jum, liema proċeduri jinsabu appuntati għas-smiegħ quddiem din il-Qorti għas-seduta tal-5 ta' Frar 2016 fl-10.15a.m., u jġibu n-numru 56/2016/1 AE.*

*Illi għalhekk r-rikorrenti jħoss illi t-talba tas-soċjeta' intimata ma tistax u ma għandhiex tintlaqa' billi hija kienet informata illi l-allegat kreditu huwa kontestat, partikolarment in vista tal-fatt li ĦAMSA (5) mill-allegati kontijiet jinsabu pjenament sodisfatti, kont ieħor ġie arbitrarjament maqlub mis-soċjeta' intimata minn fuq isem kumpanija b'responsabbilita' limitata, għal fuq ir-rikorrenti personalment mingħajr ebda pre-avviż ta' xejn u allura wisq anqas bl-adeżjoni tar-rikorrenti - kwindi it-talbiet tas-soċjetà intimata huma infondati.*

*Għaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett illi din il-Qorti jogħġobha tiddikkjara t-talba tal-intimata, kif kontenuta fl-istess ittra uffiċċjali u ċioe sabiex tirrendi il-kreditu allegat tagħha fl-ammont fuq indikat, bħala titolu eżekuttiv, infondati - kollox isir taħt dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li jogħġobha tordna din il-Qorti.*

2. Rat illi fid-19 ta' Diċembru 2017, s-soċjeta' intimata laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiżi:

*Illi t-talba hekk kif kontenuta fir-rikors odjern hija waħda nfondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrent de quo u dan għar-raġunijiet segwenti:*

1. *Illi oriġinaijament, u ċioe nhar it-18 ta' Jannar 2016, is-soċjeta' esponenti, tramite ittra uffiċċjali ppreżentata ai termini tal-Artikolu 466, ressqet it-talba tagħha għall-ħlas ta' kreditu pendenti fis-somma ta' tlettax-il elf, tliet mija u tlieta u ħamsin Ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€13,353.53), liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees, flimkien ma' imgħax dovut skont il-Liġi relatat ma' numru ta' kontijiet f'isem ir-rikorrent skont ma jirriżulta mill-ittra uffiċċjali.*

2. *Illi s-soċjeta' esponenti wżat il-proċedura appożita meta ppreżentat l-ittra uffiċċjali taħt l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk l-eċċezzjoni tar-rikorrent in kwantu dan jeċċepixxi l-inammissibilita' tal-istess għandha tiġi respinta stante li tali proċedura ġiet użata f'tentattiv li l-esponenti teżerċita funzjonijiet u poteri mogħtija lilha bil-liġi u ċioe li tirkupra bilanċ naxxenti minn konsum tas-servizzi provvisti minnha stess.*

3. *Illi r-rikorrent Dottor Gauci Maistre saħansitra affettwa numru ta' pagamenti bħala ħlas għal dan il-konsum u dan hekk kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.*

4. *Illi r-rikorrent ġie nterpellat diversi drabi mis-soċjeta' esponenti sabiex iħallas l-ammont dovut iżda dan xorta waħda baqa' inadempjenti, mingħajr raġuni valida.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kontra r-rikorrent inkluż ukoll dawk tal-ittra uffiċċjali datata 18 ta' Jannar 2016.*

3. Rat l-affidavit ta' **Dr Godfrey Gauci Maestre** ippreżentat fid-9 ta' Mejju 2018 mingħajr dokumentazzjoni. (fol 41)

4. Rat illi fis-17 ta' Ottubru 2018 ġew allegati l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 56/2016 AE.

5. Rat ix-xhieda tar-rikorrenti Dr Godfrey Gauci Maestre mogħtija fis-17 ta' Ottubru 2018 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppreżentata. (fol 47)

6. Rat illi dina l-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-atti fis-7 ta' Ottubru 2019, fejn ġiet mgħarrfa illi r-rikorrenti kien fadallu provi xi jressaq.

7. Rat illi fl-4 ta' Frar 2020, hekk kif ir-rikorrent naqas milli jressaq provi, il-Qorti ordnat il-provi rikorrenti bħala magħluqa.

8. Semgħet ix-xhieda ta' **Reuben Bonnici**, rappreżentant tas-soċjeta' intimata Automated Revenue Management Services Limited, mogħtija fl-14 ta' Jannar 2021 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppreżentata. (fol 70)

9. Rat l-affidavit ulterjuri ta' Reuben Bonnici ippreżentata fl-4 ta' Mejju 2021 (fol 78) flimkien ma' dokumentazzjoni relevanti għall-proċeduri odjerni.

10. Rat illi fit-30 ta' Settembru 2021, il-Qorti akkordat l-aħħar differiment lir-rikorrenti sabiex jagħmel il-kontro eżamijiet li jidhirlu opportun.

11. Rat illi fl-10 ta' Novembru 2021, ir-rikorrent ma kienx f'posizzjoni illi jagħmel il-kontro eżamijiet, u għalhekk il-Qorti għalqet l-istadju tal-ġbir tal-provi.

12. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijiet rikorrenti bil-mitkub.

13. Rat illi fis-27 ta' Jannar 2022, is-sottomissjonijiet rikorrenti ma daħlux u għalhekk il-kawża ġiet differita għal darba oħra għas-sottomissjonijiet rikorrenti.

14. Rat illi fit-22 ta' Marzu 2022, is-sottomissjonijiet rikorrenti reġgħu ma daħlux.

15. Rat illi l-intimati għarrfu illi ma kellhom ebda sottomissjonijiet x'jagħmlu u għalhekk, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

## Ikkunsidrat

16. Jirriżulta illi, permezz ta' Ittra Uffiċċjali 160/16, is-soċjeta' Automated Revenue Management Services Limited, abbażi tal-Artikolu 466 tal-Kap 12, ipproċediet fil-konfront tar-rikorrent għall-ħlas tas-somma ta' €13,353.53, rappreżentanti pendenzi ta' varji kontijiet f'isem ir-rikorrent personalment.

17. Jirriżulta illi, fi kliem l-Ittra Uffiċċjali stess, dak mitlub kien jirrigwarda ħlasijiet tas-segwenti:

I. *In kwantu l-kont numru 101000014909 l-ammont ta' €1,843.90 fil-fond bl-indirizz 3, Razzett taż-Żerriegħa, Triq Gio Dei Marchiesi Mallia Tabone, Mosta; u*

II. *In kwantu l-kont numru 101000022328 l-ammont ta' €8,333.27 fil-fond bl-indirizz Med Wire Inds Ltd, BA2, Qasam Industrijali, Bulebel, Żejtun liema ammont jinkludi €1,500 ta' meter tal-ilma li ma nstabx; u*

III. *In kwantu l-kont numru 101000143333 l-ammont ta' €2,328.61 fil-fond bl-indirizz 31, Triq il-Mosta, Attard; u*

IV. *In kwantu l-kont numru 101000227864 l-ammont ta' €64.34 fil-fond bl-indirizz Flat 1, 42, Wicklow, Triq L-Arznell, San Pawl il-Baħar; u*

V. *In kwantu l-kont numru 101000227948 l-ammont ta' €70.55 fil-fond bl-indirizz Flat 2, 42, Wicklow, Triq L-Arznell, San Pawl il-Baħar; u*

VI. *In kwantu l-kont numru 101000228044 l-ammont ta' €450.90 fil-fond bl-indirizz Flat 3, 42, Wicklow, Triq L-Arznell, San Pawl il-Baħar; u*

VII. *In kwantu l-kont numru 101000228116 l-ammont ta' €122.88 fil-fond bl-indirizz Flat 4, 42, Wicklow, Triq L-Arznell, San Pawl il-Baħar; u*

VIII. *In kwantu l-kont numu 101000264594 l-ammont ta' €61.49 fil-fond bl-indirizz Flat 1,178, Triq L-Ifran, Valletta; u*

IX. *In kwantu l-kont numru 101000228188 l-ammont ta' €77.59 fil-fond bl-indirizz Flat 5, 42, Wicklow, Triq L-Arznell, San Pawl il-Baħar.*

18. Jirriżulta illi, kontestwalment mal-proċeduri odjerni, ir-rikorrent intavola wkoll Mandat ta' Inibizzjoni in vista ta' theddida ta' qtugħ ta' dawl u ilma fil-konfront ta' servizzi pprovduti lilu.

19. Jirriżulta illi, fil-5 ta' Frar 2016, il-proċeduri tal-Mandat ta' Inibizzjoni fuq imsemmija twaqqfu mir-rikorrent stess, wara illi sar il-verbal segwenti:

*Intlaħaq qbil li bla preġudizzju għad-drittijiet reċiproċi ta' kull parti:*

*1. Dr. Gauci Maistre jħallas illum stess is-somma ta' Eur 4459.25. Fil-fatt għadda cheque ta' dan il-ammont lill-PL Noel Scerri in rappreżentanza ta' ARMS Ltd u dan fir-rigward tal-proprjetajiet fil-belt Valletta, Ħamrun, Sliema, Attard u Mosta li jissemmew fir-rendikont NS1. Ir-rikorrent iddikjara li l-ħlas qiegħed jagħmlu bla preġudizzju għal kwalsiasi kontestazzjoni li jista' għandu fuq l-imsemmi ammont.*

*2. Hemm qbil li gialadarba sar l-imsemmi ħlas, ma għadx hemm skop li l-intimati jieħdu passi biex jaqgħtu s-servizz tad-dawl.*

*3. Fir-rigward tal-fond fil-qasam industrijali Bulebel, Żejtun, ir-rikorrent isostni li kwalsiasi ħlas li jista' jkun dovut hu mingħand Mediterranean Wires Industries Ltd. L-intimati ma jaqblux. Din il-kwistjoni ser tibqa'*

*impreġudikata bejn il-partijiet. Ir-rikorrent iddikjara li l-fond hu okkupat minn terzi. Ir-rikorrent iddikjara li llum il-ġurnata ma għandu x'jaqsam xejn mas-soċjeta` imsemmija. L-intimati kkonfermaw li minkejja li għad hemm din il-vertenza pendenti fuq il-fond taż-Żejtun, ma humiex ser jaqgħtu s-servizz tad-dawl jew ilma fil-proprjeta` l-oħra li tissemma' fir-rendikont NS 1 sakemm din il-vertenza ma tiġix deċiża b'mod definittiv. Madankollu fir-rigward tal-proprjeta` fiż-Żejtun, jirriservaw li jaqtgħu s-servizz f'dik il-proprjeta`. Hemm qbil li l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa. Ir-rikorrent jiddikjara li qed jirrinunzja għat-talba tiegħu.*

20. Jirriżulta illi, fix-xhieda tar-rappreżentant tas-soċjeta' Automated Revenue Management Services Limited, Reuben Bonnici, fl-affidavit dettaljata tiegħu ippreżentat fl-4 ta' Mejju 2021 flimkien ma' dokumentazzjoni, għarraf il-Qorti illi, dwar il-kontijiet fuq imsemmija, l-unika kont tas-servizz tad-dawl u tal-ilma illi kien għadu in kontestazzjoni u mhux imħallas, kien dak li jirrigwarda l-fond bl-indirizz 'Med Wire Inds Ltd', BA2, Qasam Industrijali, Bulebel, Żejtun, fejn ir-rappreżentant jgħid dan dwar tali kont: (fol 79)

    *Ngħid illi, fuq il-kont numru 101000022328, l-ammont pendenti kien ta' €8,333.27, liema kont kien relatat ma servizzi mogħtija fil-fond bl-indirizz Med Wire Inds Ltd, BA2, Qasam Industrijali, Bulebel, Żejtun, liema ammont jinkludi €1,500 ta' meter tal-ilma li ma nstabx. Ngħid li l-kont kien ġie magħluq fl-20 ta' Ottubru 2015 u pagamenti ma sarux kemm ilha mwaqqfa l-ARMS Ltd.*

21. Jirriżulta illi dwar tali kont, ir-rikorrent, fl-affidavit tiegħu, jgħid is-segwenti: (fol 41)

    *Illi l-istess kont Nru 101000022328 kien oriġinarjament intestat lis-soċjeta' kummerċjali Mediterranean Wire Industriels Ltd iżda l-intimata ARMS klandestinament, mingħajr l-iċken komunikazzjoni miegħu, u kontra r-rieda u l-volonta' tiegħu, qalbet dan il-kont għal fuq ismi.*

    ...

    *Illi jiena, ġia sa mit-tlieta (3) ta' Frar tas-sena 2015, kont ili nipprova nirrisolvi din il-vertenza bonarjament, kien hemm skambju sħiħ ta' korrispondenza u ta' emails u anke inkontru mal-allura CEP tal-intimata ARMS fit-13 ta' Ottubru 2015, li ma ħallew ebda eżitu pożittiv.*

22. Jirriżulta wkoll illi, b'korrispondenza datata 21 ta' Ġunju 2007, dwar tali servizz, ir-rikorrent kellu dan xi jgħid:

    *"dwar il-kont 007343490 – Mediterranean Wire Industries Ltd, dan huwa f'isem l-imsemmija soċjeta' u mhux f'ismi."* (fol 49)

23. Jirriżulta, għalhekk, li jidher ċar illi s-soċjeta' Automated Revenue Management Services Limited kienet ben a korrent tal-kontestazzjoni da' parte tar-rikorrent meta intavolat l-Ittra Uffiċċjali meritu tal-proċeduri odjerni.

**Ikkunsidrat**

24. Jirriżulta illi l-Ittra Uffiċċjali mibgħuta fit-18 ta' Jannar 2016 (għalkemm erronjament indikata 10 ta' Jannar 2015, u li għandha n-Numru ta' Reġistrazzjoni 160/16 intbagħtet a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

25. Jirriżulta illi l-leġislazzjoni illi tikkonċedi lis-soċjeta' ARMS Limited biex tieħu l-proċeduri li qed jiġu hawn ikkontestati hija l-proviso tal-Artikolu 466 (1) tal-Kap 12, li jgħid is-segwenti:

> *Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ukoll japplikaw fir-rigward ta' ammonti dovuti għall-provdiment ta' ilma u elettriku u għall-kiri ta' meters relatati iżda ma għandhomx japplikaw meta qabel ma tingħata n-notifika meħtieġa taħt is-subartikolu (2), il-persuna li mingħandha l-ammont qed jiġi mitlub tkun avżat lir-rikorrent sew permezz ta' att ġudizzjarju jew permezz ta' ittra reġistrata li qiegħda tikkontesta l-metering, il-kalkolu jew l-ammont dovut fir-rigward ta' dak il-provdiment jew il-kiri ta' dak il-meter.*

26. Jirriżulta illi, permezz ta' Ittra bonarja legali datata 21 ta' Ġunju 2007, il-Water Services Corporation, soċjeta' illi mingħandha s-soċjeta' ARMS Limited ħadet il-funzjoni li tamministra u tiġbor il-ħlasijiet dovuti għas-servizzi tal-ilma u elettriku meta ġiet iffurmata s-soċjeta' Automated Revenue Management Services Limited, kienet ġiet mgħarrfa illi r-rikorrent Dr Godfrey Gauci Maestre kien qiegħed jikkontesta l-kont tas-soċjeta' Mediterranean Wire Industries Limited illi jidher li sussegwentement ġie addebitat lir-rikorrent personalment.

27. Il-Qorti tifhem illi l-leġislazzjoni titkellem dwar att ġudizzjarju jew ittra reġistrata, u l-Qorti tikkunsidra illi korrispondenza da' parte ta' Avukat għandha titqies bħalikieku hija ittra reġistrata, stante illi hija korrispondenza uffiċċjali mibgħuta minn Uffiċċjal tal-Qorti, bħalma huwa Avukat, u li għalhekk għandha tingħata l-piż li jistħoqqilha.

28. Għalhekk, la darba s-soċjeta' anteċedenti ARMS Limited, ossija il-Water Services Corporation, kienet a korrent li l-kont kien qiegħed jiġi kkontestat, il-proċedura illi kellha tadopera s-soċjeta' ARMS Limited għall-ġbir tal-flejjes in konnessjoni ma' tali kont ma kellhiex tkun dik ikkontemplata fl-Artikolu 466 tal-Kap 12, iżda kellha tkun kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), u dan anke in vista tal-valur tal-pendenza, ossija €8,333.27.

29. Għaldaqstant, jirriżulta illi l-azzjoni intentata kontra ir-rikorrent Dr Godfrey Gauci Maestre għal dak illi jirrigwarda l-kont nru 101000022328 ma setgħetx issir bil-proċeduri kif stabbilita fl-Artikolu 466 tal-Kap 12, u għalhekk l-Ittra Uffiċċjali 160/2016 ma tistax titqies bħala waħda valida fil-Liġi.

30. Jirriżulta wkoll illi s-soċjeta' ARMS Limited, possibbilment, għall-ekonomija tal-ġudizzju, elenkat varji kontijiet oħra li kienu f'isem ir-rikorrent Dr Godfrey Gauci Maestre u li kellhom pendenzi dovuti.

31. Jirriżulta illi, waqt il-mori tal-proċeduri odjerni, saru varji ħlasijiet fil-kontijiet kollha, għajr għal 101000022328 tant illi xi kontijiet ġew saldati totalment filwaqt illi kontijiet oħra qed jitħallsu regolarment tant illi s-servizz għadu jingħata u jitħallas.

32. Madanakollu, il-Qorti tosserva illi, la darba s-soċjeta' ARMS Limited għażlet illi tinkludi fil-lista tal-kontijiet pendenti, kont illi hija kellha tkun a korrent li qed jiġi uffiċjalment ikkontestat, ossija kont nru 101000022328, dana jfisser illi l-effetti tal-

Artikolu 466 ma jistgħux japplikaw ukoll għall-kontijiet l-oħra illi kienu indikati fl-Ittra Uffiċċjali datata 18 ta' Jannar 2016, għalkemm għandu jingħad illi dawna kollha ġia ġew transatti u/jew imħallsa waqt il-mori tal-proċeduri odjerni.

33. Għaldaqstant, in vista tas-suddett, il-Qorti tqis illi t-talba tar-rikorrenti kif dedotta għandha tiġi konsiderata favorevolment.

34. Il-Qorti, fl-aħħar nett, madanakollu, ma tistax ma tosservax illi l-proċeduri odjerni tkarkru mis-sena 2016 sa llum unikament minħabba tkaxkir u dilungar inutili da' parte tar-rikorrent personalment, u mhux il-konsulent legali tiegħu, w ta' dan, din il-Qorti, filwaqt illi tesprimi d-disappunt tagħha dwar tali dewmien inutili u esaġerat, ser tipprovdi għal tali nuqqas fl-ispejjeż finali.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet ix-xhieda;

Wara illi rat l-atti tal-Mandat tal-Inibizzjoni Nru 56/16 fl-istess isimijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' intimata Automated Revenue Management Services Limited, u għalhekk:

**Tilqa'** t-talba kif dedotta u,

**Tiddikjara** illi t-talba kif dedotta fl-Ittra Uffiċċjali Nru 160/2016 datata 18 ta' Jannar 2016, fejn intalab li d-dikjarazzjoni hemm annessa tiġi reża eżekuttiva fil-konfront tar-rikorrent a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kap 12, hija nulla u bla effett.

Kull parti għandha tbagħti l-ispejjeż tagħha.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Registratur**